**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 1 ta' Dicembru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 963/2016 AF**

**Davico Limited (C-67284)**

**vs**

**Raymond Vella & Co. Ltd (C-54238)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Davico Limited, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti tiggestixxi negozju ta' kiri ta' vetturi, leasing, kif ukoll tiswijiet ta' karozzi, li jinkludi wkoll servizzi ta' panel beating, spray painting u dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' mekkanika ta' karozzi.

Is-socjetà rikorrenti ipprovdiet lis-socjetà intimata servizz ta' kiri u leasing ta' vetturi, kif ukoll servizz ta' tiswijiet, fuq inkarigu tal-istess socjetà intimata, u attwalment jirrizulta ammont bilancjali ta' Ewro27,746.71c (seba' u ghoxrin elf, seba' mija sitta u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu)

dovut lis-socjetà rikorrenti.

L-imsemmija somma ta' Ewro27,746.71c (seba' u ghoxrin elf, seba' mija sitta u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu) hija l-ammont bilancjali kumplessiv attwalment dovut lis-socjetà rikorrenti, u dan kif ikkonfermat minn rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Is-socjetà intimata interpellata diversi drabi ghal hlas baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din l-istanza.

Dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjetà intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet validi xi tressaq kif jirrizulta mill-affidavit ta' David Pace hawn anness u mmarkat bhala Dokument B.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' Ewro27,746.71c (seba' u ghoxrin elf, seba' mija sitta u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu) liema ammont jirrapprezenta bilanc kumplessiv attwalment dovut lis-socjetà rikorrenti, fuq servizzi ta' kiri u leasing ta' vetturi, u servizz ta' tiswjiet fuq vetturi.

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas is-somma ta' Ewro27,746.71c (seba' u ghoxrin elf, seba' mija sitta u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu) lis-socjetà rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju enumerat 2016, ipprezentat kontestwalment, u bl-interessi legali relattivi, kontra s-socjetà intimata li hija minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni registrata llum stess.

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi fid-dawl tal-fuq imsemmija ammissjoni, tilqa' t-tieni talba tas-socjetà rikorrenti kif dedotta, tilqa' t-tielet talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Raymond Vella & Co. Limited.

IMHALLEF

DEP/REG